TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Anton Dalli

vs

Frank Borda Ltd - Gala Centre

CCT 125/20/MS

10 ta' Marzu 2021

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fis-16 ta' Settembru 2020 fejn talab ir-rifuzjoni ta' sebghin Euro (€70.00), prezz ta' Main Control Airconditioner board mixtrija minghand is-socjeta' intimata, liema board kienet difettuza.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn cahdu t-talba tar-rikorrenti u qalu illi l-board in kwistjoni ma kenitx l-istess wahda li giet supplita lir-rikorrenti u ghalhekk ma hemm ebda rifuzjoni dovuta.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi fit-30 ta' Gunju 2020, ir-rikorrent xtara Main Control Board minghand is-socjeta' intimata ghall-prezz ta' sebghin euro. (Invoice number 142947). Wara li giet installata minn technician imqabbad mir-rikorrent, l-aircondition ma xehelx u lanqas ma xehel il-kumpressur. Ghalhekk l-ghada r-rikorrent rega' mar ghand il-kumpanija u qalilhom b'dak li gara, u baghtu technician minn taghhom, li ccekja l-board fit-3 ta' Lulju 2020.

Illi Ian Galea, rapprezentant tas-socjeta' intimata, filwaqt li kkonferma li r-rikorrent xtara board fit-30 ta' Gunju u li l-ghada rega' gie minhabba problema peress li l-board ma xehlitx, qal ukoll illi kien iccekjaha u ra li l-connectors taghha kien mghawgin. Fil-fatt il-board giet iccekjatha wkoll minn technician tas-socjeta' intimata, li kkonstata li kien hemm hsara u corrosion fuq il-board li tigi minn perjodu twil ta' uzu u li ma setax ikun gej minn

board gdid u li bilfors dan kien board antik. Dan gie negat mir-rikorrent illi insista illi l-board kien l-istess wiehed li xtara u li twahhal fil-presenza tieghu.

Ikkunsidra

Illi f'dawn il-proceduri, ir-rikorrent qed jitlob ir-rifuzjoni ta' sebghin Euro, prezz ta' Control Board mixtri minghand is-socjeta' intimata, liema board, skond ir-rikorrent kienet difettuza. Min-naha taghha, is-socjeta' intimata, filwaqt illi tikkonferma illi r-rikorrent xtara board gdida minghandha, tghid illi l-board li zviluppat il-hsara mhijiex l-istess wahda mixtrija mir-rikorrent fit-30 ta' Gunju. Tistrieh fuq rapport ex parte tat-tekniku Boban Maldenovic, liema tekniku, pero', ma ngabx biex jixhed quddiem dan it-Tribunal.

Ir-rapport tat-tekniku ighid hekk:

There is visible damage to the connectors and on the zero connector you can clearly see the corrosion that occurs after a long period of use, which may not be the case with the new board.
The PCB I tested is old, the client was given a new board and he complains that it doesn't work but the board he brought is not the one we gave him.

Ikkunsidra

Illi huwa ben saput illi min jallega irrid jipprova u filwaqt illi r-rikorrent gab il-prova li xtara control board minghand is-socjeta' intimata fit-30 ta' Gunju 2020 li giet installata dakinhar stess u li ma hadmitx kif suppost (tant li l-airconditioner ma xehelitx), is-socjeta' intimata ma gabet l-ebda prova illi l-board li zvillupat il-hsara ma kenitx l-istess wahda mibjugha lir-rikorrent. Huwa facli illi taghmel allegazzjoni, imma din ghandha tigi ppruvata u s-socjeta' intimata kienet fid-dmir u f'posizzjoni illi taghmel dan. Kull haga li tinbiegh ghandha jkollha numru uniku assenjat lilha (serial number) jew marka ohra li tiddentifika l-oggett u tiddistingiwha minn ohra, u fin-nuqqas ta' din il-prova ma tistax taqbad u tassumi mod iehor. Dawn in-numri huma importanti ghall-finijiet ta' traccjar, anke ghaliex jekk jirrizulta li dawn l-oggetti huma difettuzi jistghu jigu ritornati lill-fornituri.

Illi s-socjeta' intimata ma ghamlitx dan l-esercizzju. Strahet biss fuq rapport ex parte (mhux guramentat) ta' tekniku li lanqas biss ngab jixhed quddiem dan it-Tribunal.

Ghalhekk, fin-nuqqas ta' provi, It-Tribunal jidhirlu illi l-versjoni tar-rikorrent hija iktar probabbli fic-cirkonstanzi. Ir-rikorrent gab il-prova illi xtara board fid-data indikata liema board ma hadmitx. Saret il-prova illi l-board kienet difettuza u din git konfermata anke mis-socjeta' intimata. Kwindi l-probabbilta' hi illi din il-board kienet daneggiata fl-ewwel lok,

f'liema kaz allura jimmerita li r-rikorrent jigi rizarcit ghal valur tal-board u din tinghata lura l-isocjeta' intimata.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna lis-socjeta' intimata tirrifondilu s-somma ta' sebghin euro, bi dritt tas-socjeta' intimata illi tiehu lura il-board in kwistjoni wara li jsir id-debitu hlas. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri Av.
Arbitru